MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 302/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Coronato Pace**

Illum 9 ta’ April 2013

Distrett Kaz Nru 302/12

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Coronato Pace**, bin Joseph u Regina neé Zammit, imwieled fit-28 ta’ Frar 1952, residenti 13, Triq Sciortino, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 19752G, akkuzat talli nhar id-19 ta’ Marzu 2012, ghal

habta ta’ 10:15hrs fl-inhawi ‘Tal-Wileg’ sive ‘Tal-Andar ix-Xaghri’ fi Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex:

1. minghajr il-hsieb li jisraq, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, indahal fi hwejjeg haddiehor meta qabez ir-recint tal-ghalqa propjeta ta’ Dr. Vella Baldacchino, u dahal fil-ghalqa ta’ Dr. Vella Baldacchino bi hsara tas-sid u dan bi ksur tal-Artikoli 85 u 340(d) tal-Kapitolu 9;

2. fl-istess gurnata, hin u lok ta’ fastidju lil Doris Mizzi meta waqt li kienet fil-ghalqa ta’ Dr. Vella Baldacchino huwa ghadda minn magenbha u mbottaha b’sidru biex jinsulentaha bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l).

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tad-difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’zewg imputazzjonijiet: l-ewwel wahda tirreferi ghall-Artikoli 85 u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u t-tieni wahda tinkwadra ruhha taht l-Artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li fl-atti ta’ dawn il-proceduri ma tressaqx jixhed il-parti leza Dr. Vella Baldacchino in sostenn ta’ tali imputazzjoni u dana sabiex setgha jissostanzja dak allegat fl-imsemmija imputazzjoni. Minghajr tlaqlieq ta’ xejn, il-Qorti tinnota li din l-ewwel (1) imputazzjoni ma tirrizultax u b’hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnha.

Illi, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, jezisti kunflitt serju fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza u b'hekk lanqas tali imputazzjoni ma tirrizulta u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, in segwitu tar-ragunijiet indikati hawn fuq, tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------